# Tagħrif dwar l-istatwarju Balzani Ramon Camilleri Mc Kay

L-artist żagħżugħ, l-istatwarju Ramon Camilleri Mc Kay twieled Ħal Balzan nhar l-24 ta' Lulju ta' l-1979. Sa minn ċkunitu wera interess u ħajra li jiżviluppa t-talenti tiegħu fil-qasam ta' l-arti mill-iskultura. Huwa ħa l-ewwel taħriġ fl-iskejjel ta' Tarġa Gap, il-Mosta kif ukoll fl-iskola ta' l-arti fil-Belt Valletta.

Aktar tard mar jitgħallem u jitħarreġ għand l-istatwarju magħruf il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi liema studju li dam jagħmlu madwar Ħames snin. Dawn is-snin servew għal Ramon aktar esperjenza f'dan il-qasam tal-karriera artistika tiegħu.

Fost ix-xogħlijiet ta' l-istatwarju Balzani Ramon Camilleri nsibu diversi mxerrdin madwar Malta fosthom persunaġġi b'konnessjoni mal-Ġimgħa Mqaddsa *life size* fosthom esebiti fil-wirja li tiġi mtellgħa fil-każin tal-Banda San Gabriel ta' Ħal Balzan. Ta' min isemmi li Ramon Camilleri rregala lis-soċjetà tagħna fl-2004 statwa mill-isbaħ ta' Kristu Rxoxt. Insibu wkoll diversi xogħlijiet oħra b'konnessjoni mal-festi Maltin bħal anġli, Papiet u diversi Qaddisin.

Ix-xogħol ewlieni ta' l-istatwarju Ramon Camilleri għal din is-sena se jkun waħda mill-ikbar statwi u din hija l-Glorja ta' San Gejtanu li ser tiġi mżanżna għall-festa tal-Ħamrun. Ramon għamel diversi xogħlijiet ukoll għall-każini tal-baned kif ukoll fi djar privati.

F'isem il-president u l-kumitat u l-membri nixtiequ nawguraw kull suċċess lil Ramon fil-karriera tiegħu għall-ġejjieni.



*L-Istatwarju Balzani Ramon Camilleri Mc Kay jidher jagħmel l-aħħar xogħlijiet tiegħu fuq statwa tal-Kunċizzjoni għal Kollezzjoni Privata.*





*Biċċtejn xogħol ta' Ramon, statwa ta' Kristu Rxoxt għall-Parroċċa tas-Santissima Trinità l-Marsa u statwa tal-Papa Ljun XIII għall-Festa ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ.*